# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**PRESIDENT**

**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 21 ta' Ottubru, 2021.**

**Numru 14**

**Rikors maħluf numru 436/2018/1 LSO**

**Doris Galea, George Pulis, Anna Bianco, Louis Pulis, Raymond Pulis, Antonia Sladden u Joseph Pulis, ulied il-mejtin Salvatore Pulis u Maria xebba Mifsud; John Mifsud; u George u Simon ulied il-mejjet Joseph Mifsud**

***v.***

**Raymond Vella**

1. Dan huwa appell tal-atturi minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-31 ta' Jannar 2019 li ħelset lill-konvenut mill-ħarsien tal-ġudizzju wara li sabet li ma kellhiex kompetenza biex tqis it-talbiet tal-atturi għall-iżgumbrament tal-konvenut minn raba'. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. L-atturi igħidu illi huma sidien ta' xi għelieqi f'Ħaż Żabbar li kienu mqabbla lil ċertu Ġużeppi Vella li f'ħajtu kien qasamhom bejn uliedu Raymond, il-konvenut, u Joseph, aħwa Vella. Il-konvenut ingħata r-raba' *tal-Ħawlija*, u Joseph Vella ngħata r-raba' *ta' Maġġi*. Il-kawża hija dwar ir-raba' *ta' Maġġi*.

3. Wara li ġie nieqes Joseph Vella r-raba' *ta' Maġġi* mqabbel lil dan għadda lill-armla tiegħu Carmen Vella. Billi din ma setgħetx taħdem ir-raba', kien sar ftehim b'kitba privata bejnha u l-konvenut li biha ppermettietlu li jaħdem ir-raba' b'tolleranza, u l-konvenut intrabat illi jroddilha r-raba' meta hija tkun tridu lura.

4. L-atturi jkomplu jgħidu illi xi żmien wara kien waqa' l-ħajt li jifred ir-raba' mit-triq u Carmen Vella, biex ma tidħolx fi spejjeż, avviċinat lil uħud mill-atturi biex troddilhom ir-raba'. Billi wħud minn uliedha kienu għadhom minorenni kienet bdiet proċeduri quddiem il-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Voluntarja) sabiex tkun tista' trodd ir-raba' lis-sidien, u kienet ingħatat l-awtorizzazzjoni meħtieġa b'dikriet tat-30 ta' Novembru 2006. Imbagħad b'kitba tal-15 ta' Ġunju 2007 Varmen Vella rrinunzjat għall-qbiela tar-raba' *ta' Maġġi*.

5. Minkejja dan, il-konvenut Raymond Vella baqa' jżomm ir-raba' u beda jivvanta titolu ta' qbiela.

6. Billi għalhekk dehrilhom li l-konvenut ma għandu ebda titolu biex ikompli jżomm ir-raba' l-atturi fetħu din il-kawża tallum u talbu l-iżgumbrament tal-konvenut.

7. Talbu wkoll illi l-kawża tinqata' bid-dispensa tas-smigħ, taħt il-proċedura sommarja speċjali, iżda l-qorti ordnat illi l-kawża tkompli bil-proċedura normali u l-konvenut għalhekk tħalla jressaq eċċezzjonijiet. Fost l-eċċezzjonijiet imressqa mill-konvenut hemm dik ta' *res iudicata* u dik ta' nuqqas ta' kompetenza *ratione materiæ* billi t-talba tal-atturi taqta' fil-kompetenza tal-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri ta' Raba'. Is-sentenza li minnha sar dan l-appell hija dwar dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet: l-ewwel qorti ċaħdet l-eċċezzjoni ta' *res iudicata* – u minn din il-parti tas-sentenza ma hemmx appell – iżda laqgħet l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' kompetenza. Ir-raġunijiet li wasslu lill-ewwel qorti biex tilqa' din l-eċċezzjoni ġew imfissra hekk:

> »Ir-rikorrenti fir-rikors promotur jakkampaw fuq il-fatt li l-intimat kien qed jiddetjeni r-raba' b'mera tolleranza, u ġie indikat li l-intimat qatt ma ħallas qbiela, ħlief meta ġie notfikat b'ittra uffiċjali reċentement.
>
> »… … …
>
> »Ir-rikorrenti stess fil-premessi tar-rikors sostnew li l-għelieqi in kwistjoni kienu mqabbla lil Ġuseppi Vella, missier l-intimat, li kien qassam għalqa *tal-Ħawlija* lil Raymond Vella u l-għalqa *ta' Maġġi* lil Joseph Vella, li miet fl-2004. In segwitu, Carmen Vella, l-armla ta' Joseph Vella, iffirmat skrittura privata Dok. B ma' Raymond Vella fejn ippermettiet li huwa jaħdem l-għalqa u tniżżel ukoll fl-istess skrittura li, għalkemm il-qbiela ser tibqa' titħallas minn Carmen Vella, Raymond Vella kien ser jindennizzaha ta' dawn l-ispejjeż. Fl-iskrittura l-oħra Dok C, datata 7 ta' Lulju 2006, tniżżel ukoll fir-raba' paragrafu li l-qbiela ta' din l-għalqa kienet tiġi dejjem imħallsa minn Raymond Vella. Għalhekk, irid jiġi mistħarreġ jekk l-intimat Raymond Vella kompliex fit-titolu tad-defunt missieru u tad-defunt ħuh, *ai termini* tal-artiklu 2 tal-Kap. 199. B'hekk irid jiġi indagat jekk għandux ikun kkonsidrat bhala 'kerrej' *ai termini* tal-artikolu 2 tal-Kap 199.
>
> »Skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 2 tal-Att Dwar it-Tiġdid tal-Kiri ta' Raba' (Kap. 199):
>
>> »"Kerrej tinkludi kull membru tal-familja li jkun ċessjonarju tal-kirja, u wara l-mewt tal-kerrej, meta ma jkun hemm ebda membru bħal dak, tinkludi f'ordni ta' preferenza kull membru tal-familja li jkun legatarju tal-kirja jew li, matul l-aħħar sena minnufih qabel il-mewt tal-kerrej, kien jgħix mal-kerrej jew kien qed jaħdem ir-raba' miegħu jew għalih jew ikun il-werriet tal-kerrej."
>
> »*Inoltre*:

> »“‘Ċessjonarju tal-kirja’ tinkludi sub-konduttur u meta ma hemm la sub-kunduttur, jew persuna li lilha tkun ċeduta l-kirja, il-persuna li tkun attwalment tgawdi l-kirja bil-kunsens espress jew taċitu tal-kerrej.”

»… … …

»Jirriżulta li l-intimat kien jaħdem l-għalqa wara li waqaf missieru flimkien ma’ ħuh. Mhuwiex kontestat li huwa membru tal-familja tal-gabillott in kwantu ibnu dirett, u kwindi jaqa’ fid-definizzjoni ta’ ‘kerrej’ skont il-liġi.

»… … …

»Ikkonsidrat li fil-każ in eżami, għalkemm ir-rikorrenti ppremettew fir-rikors li l-intimat qatt ma ħallas qbiela, mill-assjem tal-provi fl-atti tal-każ, kif ukoll fil-każ anness numru 954/06, jirriżulta l-kuntrarju. Fil-fatt, kif diġà ingħad, fl-iskrittura Dok. C hemm espressament indikat li l-qbiela kienet dejjem titħallas minn Raymond Vella. Dan huwa ferm kunfliġġenti ma’ dak sostnut mir-rikorrenti fir-rikors ġuramentat. Difatti, fit-trattazzjoni, gie sostnut mir-rikorrenti … li ma kien hemm l-ebda qbiela u Raymond Vella kien sempliċement qed jiddetjeni l-għalqa in kwistjoni b’mera tolleranza, kif hemm indikat fl-iskrittura esebita Dok. B esibita mar-rikors promotur. Illi huwa proprju għalhekk li r-rikorrenti qed jikkontendu li din il-qorti għandha l-kompetenza biex tiddeċiedi l-każ in eżami.

»Tajjeb jiġi affermat li l-Qorti tal-Appell ippronunzjat ruħha dwar dan il-fatt allegat mir-rikorrenti. Illi ġie speċifikatament imsemmi l-ftehim li Carmen Vella kienet iffirmat ma’ Raymond Vella, u ġie konkjuż li dak il-ftehim huwa *res inter alios acta* għas-sidien tal-għalqa in kwistjoni, … … … Konsegwentement, ġie rilevat fl-istess sentenza tal-Qorti tal-Appell li l-fatt li s-sidien kienu jaċċettaw il-kera mingħand Raymond Vella huwa relevanti aktar minn dak indikat fil-ftehim ma’ Carmen Vella għaliex juri r-relazzjoni ġuridika bejn is-sidien u Raymond Vella b’mod dirett, kwindi li kien il-kerrej tal-għalqa.

»Illi aktar fatali għat-teżi tar-rikorrenti hija l-irċevuta esebita *a fol. 27* tal-atti tal-kawza 954/06/AF datata l-14 ta’ Awwissu 2005 u iffirmata minn Maria Pulis, l-awtur fit-titlu tar-rikorrenti, fejn iddikjarat li rċeviet il-ħlas tal-qbiela għall-għalqa *tal-Ħawlija* mingħand Raymond u Joseph Vella. Id-data ta’ din l-irċevuta hija posterjuri għall-iskrittura bejn Raymond Vella u Carmen Vella (20 ta’ Settembru 2004). *Inoltre* ġie ikkonstatat hekk mill-ewwel qorti f’dik il-kawza:

> »“B’żieda ma dan, il-konvenuti proprjetarji tal-art Maria Pulis u John Mifsud stess jikkonfermaw illi ma kinux ġew infurmati li Joseph Vella u Raymond Vella kienu qasmu l-għalqa bejniethom u kienu jaċċettaw ħlas għal qbiela bħala indiviża. Saru jafu li l-art allegatament inqasmet mingħand Carmen Vella meta marret biex tirritorna l-għalqa lura lis-sidien. Iżda l-irċevuta kienet għadha tinħareg f’isem Raymond Vella kif ukoll f’isem ħuh sas-sena 2005. Dan il-fatt waħdu jikkonferma li l-attur ma kienx jokkupa din l-art sempliċiment b’mera tolleranza. Il-ftehim illi kellu kien ma’ Carmen Vella u mhux ma’ sidien l-art. Fuq ammissjoni tas-sidien stess, lanqas biss kienu jafu bl-eżistenza ta’ dan il-ftehim tant illi baqgħu joħorġu r-riċevuta tal-għalqa bħala indiviża f’isem iż-żewġt aħwa.”

»Il-qorti kompliet:

> »"Mix-xhieda tal-konvenuti Maria Pulis u John Pulis hu evidenti li huma kienu ben konsapevoli li l-art in kwistjoni kienet f'idejn l-attur, irrispettivament minn kemm kienet ilha ma tinħadem. Minkejja li din hija kawża possessorja u mhux petitorja din il-qorti ma tistax ma tqisx illi l-irċevuta tal-qbiela kienet toħroġ mingħand il-konvenuti proprjetarji f'isem l-attur, flimkien ma' ħuh."

»Din il-qorti tikkondividi dan il-ħsieb kif ġà ravvisat billi tqis li l-aċċett-azzjoni tal-qbiela mingħand Raymond Vella u l-intestatura tal-irċevuta f'ismu hija prova, almenu *prima facie*, li jiddetjeni bi qbiela . Din it-teżi hija msaħħa bix-xhieda ta' Maria Pulis u John Mifsud, kif rapportat fis-sentenza tal-ewwel qorti fil-kawża l-oħra, fejn affermat li kienu joħorġu riċevuta ta' qbiela indivisa bejn l-aħwa.

»Kwindi din il-qorti hija soddisfatta li l-intimat irnexxielu jipprova li għandu titlu ta' qbiela fuq l-art in mertu almenu fuq bażi *prima facie*.

»Għalhekk tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-intimat u tiddikjara li m'għandhiex il-kompetenza *ratione materiæ* biex tkompli tieħu konjizzjoni ta' din il-kawża.«

8. L-atturi appellaw b'rikors tad-19 ta' Frar 2019 li għalih il-konvenut wieġeb fl-20 ta' Ġunju 2019.

9. L-ewwel tliet aggravji tal-appell huma marbuta flimkien. Essenzjalment l-appellanti jgħidu fl-ewwel aggravju illi l-kitba tal-20 ta' Settembru 2004[1] bejn Carmen Vella u l-konvenut Raymond Vella turi li l-konvenut għaraf li ma kellu ebda titolu fuq l-art. Carmen Vella mbagħad, wara li ġiet awtorizzata tagħmel hekk b'dikriet tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja, tat-30 ta' Novembru 2006[2], irrinunzjat għall-qbiela b'kitba tal-15 ta' Ġunju 2007[3].

10. Ikomplu jgħidu l-appellanti fit-tieni aggravju illi għalkemm il-kitba tal-20 ta' Settembru 2004 saret bejn Carmen Vella u l-konvenut Raymond Vella, u ma kinux parti fiha l-atturi, xorta hija prova li l-konvenut għaraf illi ma għandux titolu fuq ir-raba'.

---

1 *Fol.* 10.

2 *Fol.* 27.

3 *Fol.* 28.

11. Fit-tielet aggravju l-appellanti jgħidu illi qalet ħażin l-ewwel qorti meta qalet illi "fatali għat-teżi tar-rikorrenti hija l-irċevuta … datata l-14 ta' Awwissu 2005" għax dik ir-riċevuta hija dwar ir-raba' *tal-Ħawlija* u mhux dwar ir-raba' *ta' Maġġi*, li huwa dak li dwaru saret il-kawża.

12. Il-konvenut wieġeb hekk:

»a. Fl-iskrittura Dok. C datata 7 ta' Lulju 2006 tniżżel fir-raba' paragrafu li l-qbiela ta' din l-għalqa kienet dejjem imħallsa minn Raymond Vella;

»b. L-istess Raymond Vella jikkwalifika bħala "kerrej" *ai termini* tal-artikolu 2 tal-Att dwar it-Tiġdid tal-Kiri ta' Raba' (Kap. 199 tal-Liġijiet ta' Malta) għaliex ċertament jaqa' fid-definizzjoni ta' membri tal-familja tal-inkwilin u, *di più*, jirriżulta mill-atti illi huwa kien jaħdem l-għalqa wara li waqaf missieru flimkien ma ħuh. Mhuwiex kontestat li huwa membru tal-familja tal-gabillott in kwantu ibnu dirett u kwindi jaqa' fid-definizzjoni ta' kerrej skond il-liġi. … … …;

»ċ L-aktar "fatali" għat-teżi tar-rikorrenti appellanti hija l-irċevuta esibita *a fol*. 27 tal-atti tal-kawża fl-ismijiet inversi. F'dina l-irċevuta datata l-14 ta' Awissu 2005 u iffirmata minn Maria Pulis – l-awtriċi fit-titolu tar-rikorrenti – fejn iddikjarat li rċeviet il-ħlas tal-qbiela għall-għalqa *tal-Ħawlija* mingħand Raymond u Joseph Vella. Kif irrimarkat ben tajjeb l-ewwel onorabbli qorti d-data ta' din l-irċevuta hija posterjuri għad-data tal-'famuża' skrittura tant imsemmija mill-appellanti bejn Carmen Vella u l-intimat … … …;

»d. *Inoltre* kien ġie wkoll ikkonstatat mill-qorti fil-kawża fl-ismijiet inversi illi: "b'żieda ma' dan, il-konvenuti proprjetarji tal-art, Maria Pulis u John Mifsud stess, jikkonfermaw illi ma kinux ġew infurmati li Joseph Vella u Raymond Vella kienu qasmu l-għalqa bejniethom u kienu jaċċettaw ħlas għal qbiela bħala indiviża" … … …«

13. Id-dokumenti relevanti li fuqhom jistrieħu l-partijiet huma dawn:

i. kitba tal-20 ta' Settembru 2004[4] bejn Carmen Vella u l-konvenut Raymond Vella; din il-kitba tgħid hekk:

»1. illi r-raġel ta' Carmen Vella, il-mejjet Joseph, kien jaħdem raba' li kienet imqabbla għandu minn terzi … … …;

»2. … … … il-partijiet qegħdin jaqblu illi r-raba' jinħadem minn Raymond Vella;

4 *Fol.* 10.

»3. illi minkejja li Raymond Vella ser jaħdem l-imsemmi raba', ser ikun qed jagħmel hekk b'mera tolleranza min-naħa ta' Carmen Vella … … …

»4. illi l-qbiela … … … tibqa' titħallas minn Carmen Vella, però Raymond Vella għandu jindennizzaha ta' dawn l-ispejjeż.«

ii. riċevuta tal-14 t'Awissu 2005[5]; din ir-riċevuta hija ffirmata minn Maria Pulis, awtriċi tas-sidien, li tgħid li qiegħda tirċievi mingħand Raymond u Joseph Vella l-ħlas ta' qbiela fuq l-għalqa *tal-Ħawlija*:

iii. kitba tas-7 ta' Lulju 2006[6] bejn is-sidien u Carmen Vella, imsejħa "il-gabillott"; din il-kitba tgħid hekk:

»1. is-sidien għandhom għalqa … … … magħrufa wkoll bħala *ta' Maġġi*;

»2. illi l-mibki Joseph Vella kien jaħdem l-imsemmija għalqa b'titolu ta' qbiela qabel il-mewt tiegħu;

»3. illi minn wara mewtu martu bdiet taħdem hi l-imsemmija għalqa … … …;

»4. illi l-qbiela għal din l-għalqa kienet dejjem tiġi mħallsa minn Raymond Vella u r-raġel tal-gabillott;

»5. illi s-sidien u l-gabillott jintrabtu u jiftiehmu illi għandu jsir ktieb tal-qbiela fuq isem il-gabillott Carmen Vella għal dak li jirrigwarda l-għalqa li hija taħdem.«

iv. kitba tal-15 ta' Ġunju 2007[7] bejn is-sidien u Carmen Vella, imsejħa "il-gabillott"; din il-kitba tgħid hekk:

»1. is-sidien għandhom għalqa … … … magħrufa wkoll bħala *ta' Maġġi*;

»2. illi l-gabillott kienet taħdem l-imsemmija għalqa li kienet imqabbla għandha mingħand is-sidien;

»3. illi minħabba illi kien hemm ħsarat estensivi fil-ħitan tal-imsemmija għalqa, il-gabillott kellha tirrilaxxa l-imsemmija għalqa lura lis-sidien;

»4. illi biex jiġu saldati kwalunkwe pendenzi jew pretensjonijiet kwalisijasi bejn il-partijiet fil-konfront ta' xulxin, kemm preżenti

---

5 *Fol.* 27 tal-proċess tar-rikors maħluf numru 954/2006 fl-ismijiet Raymond Vella *v.* Mario Pulis *et*.

6 *Fol.* 37.

7 *Fol.* 28.

kif ukoll futuri rigward l-imsemmija għalqa, is-sidien qegħdin jgħaddu għal darba waħda biss l-ammont ta' tliet mitt Lira Maltin (Lm300), filwaqt illi l-gabillott qiegħed jirċevihom u jaċċettahom u jħalli d-debita riċevuta skond il-liġi;

»… … …«

14. Dawn id-dokumenti jagħtu stampa ċara tas-sitwazzjoni legali li hija x'aktarx differenti minn kif fehmitha l-ewwel qorti.

15. Jingħad qabel xejn illi għalkemm huwa minnu li l-kitba tal-20 ta' Settembru 2004 bejn Carmen Vella u l-konvenut tassew illi hija *res inter alios acta* għas-sidien, dan ma jfissirx li l-kitba ma hijiex element ta' prova, aktar u aktar meta tqis illi dak li jingħad fiha huwa korroborat b'dak li jingħad f'dokumenti oħra.

16. Fil-fatt il-kitba tas-7 ta' Lulju 2006 bejn is-sidien u Carmen Vella tirrifletti dak li jingħad fil-kitba tal-20 ta' Settembru 2004 fis-sens illi Carmen Vella weħedha hija magħrufa bħala "gabillott" tar-raba' *ta' Maggi*. Effettivament bil-kitba tas-7 ta' Lulju 2006 ġie ratifikat l-istat ta' fatt magħruf bejn il-partijiet fuq il-kitba tal-20 ta' Settembru 2004. Dan ixejjen il-konklużjoni tal-ewwel qorti illi s-sidien ma kinux jafu illi ż-żewġ għalieqi – *tal-Ħawlija* u *ta' Maġġi* – kienu nqasmu bejn iż-żewġ ulied tal-gabillott oriġinali.

17. Il-fatt illi fl-istess kitba tas-7 ta' Lulju 2006 jingħad illi "l-qbiela għal din l-għalqa kienet dejjem tiġi mħallsa minn Raymond Vella u r-raġel tal-gabillott" ma jfissirx illi l-konvenut Raymond Vella huwa magħruf bħala "gabillott" flimkien ma' Carmen Vella; fil-fatt dak it-titolu fil-kitba jingħata biss lil Carmen Vella. Il-kitba ma tgħidx illi l-qbiela tibqa' titħallas mill-konvenut u minn Carmen Vella; tgħid illi "kienet" – *i.e.*

qabel dakinhar – titħallas mit-tnejn iżda issa sejjer isir "ktieb tal-qbiela fuq isem il-gabillott Carmen Vella" weħedha, li jfisser li minn dakinhar Carmen Vella biss hija magħrufa bħala l-"gabillott".

18. Ir-riċevuta tal-14 t'Awissu 2005 – li tgħid illi l-ħlas tal-qbiela fuq ir-raba' *tal-Ħawlija* sar minn Joseph u Raymond Vella – għalkemm l-ewwel qorti qisitha "fatali" għat-teżi tal-atturi hija fil-verità irrelevanti għall-għanijiet tal-kawża għax il-kawża ma hijiex fuq ir-raba' *tal-Ħawlija* iżda fuq ir-raba' *ta' Maġġi*.

19. Dawn id-dokumenti għalkemm għal uħud mill-partijiet tassew huma *res inter alios acta* – l-atturi ma humiex parti fil-kitba tal-20 ta' Settembru 2004 u l-konvenut ma huwiex parti fil-kitbiet tas-7 ta' Lulju 2006 u tal-15 ta' Ġunju 2007 – madankollu huma konsistenti u kompatibbli ma xulxin: juru li ż-żewġ għelieqi nqasmu bejn il-konvenut u ħuh; illi kemm il-konvenut u kemm is-sidien għarfu lil Carmen Vella weħedha bħala l-gabillott tar-raba' *ta' Maġġi* wara l-mewt ta' żewġha; u illi Carmen Vella irrinunzjat għall-qbiela tar-raba' *ta' Maġġi* favur is-sidien.

20. L-argument imbagħad tal-konvenut illi "jikkwalifika bħala "kerrej" *ai termini* tal-artikolu 2 tal-Att dwar it-Tiġdid tal-Kiri ta' Raba'" ma huwiex validu. Wara li nqasmu l-għelieqi bejn ulied il-kerrej oriġinali – il-konvenut u ħuh Joseph – il-kerrej tar-raba' *ta' Maġġi* ma baqax il-missier iżda sar Joseph Vella. Il-konvenut ma wiritx ir-raba' mingħand ħuh Joseph għax għall-għanijiet tal-Att dwar it-Tiġdid tal-Kiri ta' Raba' "'membru tal-familja' tfisser axxendent lineari, dixxendent lineari,

armla jew armel, raġel tat-tifla, u l-armla tat-tifel sakemm ma terġax tiżżewweġ, tal-kerrej"; il-konvenut għalhekk ma jistax jitqies "kerrej" bis-saħħa ta' din it-tifsira ta' kerrej.

21. Dan kollu jagħti raġun lill-aggravji tal-atturi u jxejjen il-konklużjoni illi l-konvenut għandu titolu fuq ir-raba'.

22. Il-qorti għalhekk tilqa' l-appell, tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn ċaħdet l-eċċezzjoni ta' *res iudicata* u tħassarha fejn laqgħet l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' kompetenza; tgħid illi l-ewwel qorti għandha kompetenza biex tisma' u taqta' l-kawża u tibgħat l-atti lura lill-ewwel qorti sabiex jitkompla s-smigħ.

23. L-ispejjeż, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell, iħallashom il-konvenut.

Giannino Caruana Demajo
President

Tonio Mallia
Imħallef

Anthony Ellul
Imħallef

Deputat Reġistratur
rm